MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru 239/2010

Il-Pulizija
(Spettur Nicholai Sant
Spettur Malcolm Bondin)

vs

Francis Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 781757M, akkuzat talli:

1. nhar l-14 ta’ Marzu 2010 ghal habta tas-01:15 a.m. gewwa l-Plush Bar, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra Supretendent Stephen Gatt, membru tal-Korp tal-Pulizija waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita’ kompetenti;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija;
3. kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
4. sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Il-kawza ghandha l-fattispecie taghha f'incident li mill-provi jirrizulta avverra ruhu f'Paceville, precizament fuq l-ghatba tal-'Plush Bar'. Konsegwenza ta' dan, l-imputat gie akkuzat b'attakk u rezistenza kontra ufficjal pubbliku (Supretendent) filwaqt li kien qed jagixxi fl-esebizzjoni tal-ligi u b'offizi kontravenzjonali li ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija u kiser l-ordni u l-paci pubblika.

Issa fil-kuntest tal-ewwel akkuza din ghandha tittiehed fil-kuntest taghha tenut kont l-gravita' taghha. Fil-kaz in disamina jidher li r-reat jissussiti izda fil-minimu tieghu. Mill-offizi kontravenzjonali tirrizulta t-tieni izda mhux it-tielet.

L-ahhar akkuza li titratta r-recidiva tirrizulta mis-sentenzi esebiti.

Konsegwentement tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 96, 338(ee), 17, 49, 50 li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat ghal perjodu ta' 9 xhur sakemm ma jaghmilx reat iehor fl-imsemmi perjodu u tikkundannah ammenda ta' €50 fuq it-tieni. Tilliberah mit-tielet.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------